XGHAJRA

Minuti tal-25 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 15 ta' Settembru, 2011, fis-6.00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joseph Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Decelis |
| | Mario Buhagiar – Skużat għax imsiefer |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – Kullħadd preżenti barra Sur Mario Buħagiar li kien skużat għaliex imsiefer.

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda – Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija mis-Sindku u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija

3.1. Is-Sindku qal li bħala matters arising ta' l-awditjar kellna affarijiet ta' proċedura u qiegħed jistenna sabiex jiddiskuti xi punti ma' l-Accountant. Nisperaw li sal-laqgħa li ġejja ser ikun hemm risposta.

3.2. L-applikazzjoni ta' l-ERDF – Is-Segretarju qal li meta kellem lill-PPCD fl-Uffiċċju tal-Prim Minisru, dawn qalulu li bdew jevalwaw l-applikazzjonijiet u li ser jikkuntattjawna fil-ġimgħat li ġejjin.

3.3. Is-Sindku qal li l-korsjiet tal-kompjuter waslu biex jispiċċaw u kienu ta' suċċess. Fakkar lill-Kunsilliera li ser ikun hemm korsijiet oħra għall-kbar fil-ġimgħat li ġejjn. Il-korsijiet ser ikunu Learn IT, kors bażiku tal-kompjuter u Learn Web, kors li jittratta l-użu ta' l-internet. Ftit ġimgħat oħra għandhom jinħarġu l-leaflets u jinfetħu l-applikazzjonijiet.

3.4. Is-servizz tat-trasport pubbliku u l-Arriva – Is-Sindku qal li saru laqgħat ma' Trasport Malta u l-Arriva u hemm ħafna korispondenza magħhom biex naraw kif nistgħu ntejbu s-servizz. Is-servizz għadu mhux tajjeb kif mixtieq. Ir-rotta nru.3 li qiegħdha tgħaddi mill-Kalkara qabel tiġi x-Xgħajra qiegħda tasal mimlija u tħalli n-nies l-art. Barra minhekk għad m'hemmx rotta li mix-Xgħajra tista' tmur Mater Dei u s-servizz mhux qiegħed jgħaddi minn St. Peters' kif kien isir qabel.

3.5. Rigward il-Photovoltaic, is-Sindku qal li kellna laqgħa ma' l-Alberta li rebħu t-tender ta' dawn il-PVs u ser jagħmlulna pjanta ta' kif għandhom jiġu fuq il-bejt tal-Kunsill. Wara dan irridu nivverifikaw mal-Perit illi l-bejt huwa tajjeb biex jiflaħhom.

4. Item Nru.4 fuq l-Aġenda - Korrispondenza.

Dik il-korrispondenza t'importanza ġiet moqrija.

5. Item Nru 5. fuq l-Aġenda – Ġie approvat u ratifikat l-infieq tax-xhur Awwissu u Settembru, 2011

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Town Twinning

6.1. Is-Sinjorina Claire Decelis qalet li issa hemm il-flights u l-lukanda bbukkjati. L-ikel ta' filgħaxija ser ikun ipprovdut mill-lukanda stess. Rigward it-trasport, Claire qalet li għandhom ikellmuna il-Koptaco biex b'hekk inkunu nistgħu nevalwaw il-kwotazzjonijiet kollha. Claire qalet ukoll li għandna bżonn nidentifikaw in-nies li ser ikunu fil-grupp ta' meta jiġu t-Taljani biex ilaħħqu l-ammont ta'25 Malti kif mitlub. Is-Sindku qal li tal-futbol ser jieħdu sehem u ser tintlagħab logħba futbol bejn it-Taljani u x-Xgħajra Tornadoes (reserves).

Is-Sindku qal li tkellem mad-Disma wkoll u qallu li mhux problema li nżuru z-zoo li għandu u mhux ser tkun problema lanqas li jsajjar. Nhar it-Tnejn li jkunu hawn ser neħduhom ukoll il-Klabb tal-Boċċi fejn ser jintwera lilhom il-logħba tal-boċċi. Barra minhekk għandna konferma wkoll tas-Sur Wickman biex inżuru l-mużew marittimu li għandu huwa d-dar tiegħu.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Proġett tal-Belveder/Recreational Centre

7.1. Ix-xogħol fuq il-Belveder miexi sew. Fil-ġimgħat li ġejjin ser ikollna lest ukoll ix-xogħol tal-points tad-dawl, tikħil u l-wiċċ tal-playground. Rigward id-drenaġġ għadhom mhux ċari x'ser isir dwaru. Is-Sur Joe Curmi mhux qed jinfurmana sew b'dak li ser jiġri.

XGHAJRA

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – SSTP

8.1. Is-Sindku fakkar li ser ikun hemm open day nhar il-25 u 26 t'Ottubru liema l-aħħar data għadha mhux konfermata. Is-Sibt ser ikun miftuħ għar-residenti tax-Xgħajra. Għal din l-open day ser jirringaw ma' sid l-għalqa li hemm ma' ġenb l-impjant biex tintużha bħala parkeġġ. Is-Sindku sjega li qiegħed isir analiżi u testing tal-baħar matul ix-xatt tax-Xgħajra mill-Profs. Victor Axiaq simili ta' dak li kien sar qabel beda jinbena l-STTP. Dan ser jiswa xi €800 u hemm il-ħsieb li jitħallas mill-WSC. L-ewwel riżultat intbgħat u wera li l-kosta hija *Good.*

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda - Storm Water Outfall f'Ta' Barkat

9.1.Is-Sindku spjega li kiteb lill-Prim Ministru fuq dan is-suġġett għax wara l-laqgħa li kellna mal-Mepa fit-22 t'Awwissu, 2011 ma' kienx posittiv u d-Direttorju ta' l-Ambjent tal-Mepa kien diġa' ħareġ bl-opinjoni tiegħu minn qabel li ddiskuta magħna.

10.Item Nru 10 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

10.1. Is-Sindku spjega li hemm numru ta' fondi mill-Ġvern Ċentrali li minnhom japplikaw għal dawk il-Kunsilli żgħar, u kemm hu u s-Segretarju Eżekuttiv qiegħdin jaraw liema huma dawk applikabbli għax-Xgħajra fosthom fondi strutturali fuq proġetti approvati mill-Mepa bħal proġett ta' l-Isports u Rikreazzjoni u fuq manutenzjoni ta' playgrounds eżisetnti bħal playground tax-xatt.

10.2. Ftit żmien ilu kien sar eżerċizzju u pjanti ta' kif nistgħu nsebbħu u nutilizzaw aħjar il-Fort Park u dan jinbidel f'sit ta' rikreazzjoni li jista' jinkludi Mini Golf, Heritage Trail, Adventure Park eċċ. Dawn il-pjanti kienu saru mill-Perit Reuben Borg imma meta dan kien tkellem mal-Mepa ġie mwaqqaf għax qalulu li s-sit huwa ODZ. Issa wasal –ż-żmien li nerġgħu nimpenjaw ruħna fuq dan il-proġett u mhux il-Fort Park jibqa' kif inhu bħala l-parti l-kbira tiegħu *eye sore*. Skond informazzjoni li għandna siti bħal dawn f'lokalitajiet oħra ġew ikkunsidrati mill-Mepa li jistgħu jitranġaw.

10.3. Parti mill-MOU jinkludi r-restawr ta' parti mill-Fortizza fosthom il-bieb u partijiet oħra. Sar rapport mir-restoration unit tal-Ministeru ta' l-Ambjent u wasal iż-żmien li ninsistu li dak li kien imwiegħed isir.

10.4. Minħabba li l-grawnd tal-futbol ser jiġi nawgurat fl-aħħar t'Ottubru, ġejna mistoqsija kif il-Kunsill jista' jgħin sabiex isir ċertu xogħol madwar il-grawnd. Se jsir meeting mal-futbol Club sabiex niddiskutu dwar dan.

10.5. Is-Sindku spjega li qiegħedha ssir ħafna pressjoni minn residenti differenti sabiex isiru *yellow lines* u affarijiet oħra marbuta ma' *traffic management*. Ġie deċiż li kull Kunsillier li jiġi avviċinat fuq dawn l-affarijiet għandu mill-ewwel ifiehem li dan is-suġġett għandu bżonn konsultazzjoni w approvazzjoni minn Trasport Malta,

imma jistgħu jittieħdu l-ilmenti. Bl-edba mod m'għandu jsir xi kliem li iva dan jista' jsir ħlief *refreshing* ta' linji eżistenti.

11. Item Nru 11 fuq l-Aġenda – Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 25 t'Ottubru, 2011 fis-6.00pm

------------------------------------- ----------------------------

Segretarju Eżekuttiv Sindku